

# Charles Camilleri (1931-2009):
## Il-*Eurovision Song Contest* u l-*Għanjiet minn Malta*
## Erbgħin sena ilu...

Noel D'Anastas, B.LAIS (Melit), M.Mal.Stud (Melit), Dip.LIS, A.Mus.LCM



Huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-kompożituri maġġuri fil-ġenerazzjoni tiegħu. Jibqa' magħruf għas-sehem kbir tiegħu li ta lill-mużika folkloristika Maltija li wassalha b'kumplessività f'idjoma kontemporanja Mediterranja u Ewropea. Fit-tieni parti tal-karriera tiegħu, ipproduċa stil personali karatterizat ma' dak imsejjaħ 'atomisation of the beat'. Nirreferi għal Maestro Charles Camilleri, Ħamruniż, imwieled f'lejlet il-Vitorja tal-1931 minn ġenituri li kienu joqgħodu l-Ħamrun, fi Triq il-Vitorja. *(1)*

Il-Professur Oliver Friggieri li miegħu kkolabora f'uħud mill-aqwa xogħlijiet tiegħu, iddeskrivieh bħala l-mużiċista li nterpreta r-ruħ tal-poplu Malti. Camilleri għamel lil Malta dak li Chopin għamel lill-Polonja u Bartok għall-Ungerija. *(2)* Jekk Vaughan Williams ġabar il-mużika folk Ingliża u żviluppaha f'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu, Camilleri għamel l-istess bil-mużika folkloristika Maltija. Bla dubju, ix-xogħlijiet kbar tiegħu bħal *Malta Suite*, l-opri bil-Malti *Il-Wegħda*, *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, *Campostella*, u *The Maltese Cross*; il-kantati *Stone Island Within* u *L-Għanja ta' Malta*; l-oratorji *Pawlu ta' Malta* u *Dun Ġorġ*; l-overture *Din l-Art Ħelwa*; u *Knights of Malta Ballet Suite* huma s-sentiment u riflessjoni ta' identità Maltija. Bix-xieraq li jkun deskritt bħala l-'Kompożitur Nazzjonali ta' Malta'.



*Charles Camilleri jagħti kunċert fis-Sala Ewlenija tal-Każin San Gejtanu.*

L-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu għandha biex tkun kburija li fi ħdanha Charles Camilleri beda jitħeġġeġ għall-mużika. Fi tfulitu ħadd ma basar min se jkun. Fost l-għalliema tiegħu kien hemm ukoll is-Surmast Joseph Abela Scolaro li kien surmast tal-




*Charles Camilleri fin-nofs bl-accordion ma' membri tal-Għaqda tal-Malti fil-bitħa tal-Każin San Gejtanu.*

Banda San Gejtanu mill-1943 sal-1972. Camilleri kien surmast per eċċellenza fid-daqq tal-accordion u kemm-il darba kien imfaħħar fuq rivisti internazzjonali awtorevoli fuq l-istrument. Bosta drabi Camilleri kien mistieden biex idoqq fir-Radio City il-Ħamrun waqt l-intervalli fit-teatrini tal-kumpanija komika *The Stage Commandos.* *(3)* Ta' spiss kien idoqq waqt l-attivitajiet tal-'Għaqda tal-Malti' li kienu jinżammu fil-Każin. Fost il-kompożizzjonijiet bikrin tiegħu hemm dak li nkiteb esklussivament għas-Soċjetà Filarmonika San Gejtanu, fosthom il-'Marċ Ħamruniż'. Għal numru ta' snin, Charles Camilleri kien Surmast Onorarju tal-Banda San Gejtanu. Kien ukoll ingħata Ġieħ il-Ħamrun fis-sena 2000. *(4)*

Għalkemm il-kobor ta' dan il-kompożitur huwa magħruf sew madwar id-dinja, ftit hemm konoxxenza tiegħu mal-mużika leġġera, il-parteċipazzjoni fil-*Eurovision Song Contest* bħala l-kompożitur tal-kanzunetta 'L-Imħabba' u s-*song-cycle* fl-'Għanjiet minn Malta' li sal-lum għadhom friski u sbieħ, anke wara erbgħin sena. Forsi dan huwa rifless mit-teoriji tal-iskola ta' Frankfurt jew f'dak li kitbu bosta studjużi tal-mużika, il-kultura popolari u l-kategoriji soċjali, fosthom Gans u Shepherd, fejn isostnu li ħafna mill-akkademiċi tas-soċjetà antika klassifikaw il-kultura u l-mużika popolari bħala espressjoni inferjuri, superfiċjali, konsumista, sensazzjonali u korrotta. *(5)*



Niftakar li fiż-żmien li għamilt nikkataloga l-partituri tal-mużika fl-Arkivju tal-Kattidral fl-Imdina, kemm-il darba kien jiġi jżurna Mro Charles Camilleri u jġibilna xi xogħol stampat.

Kien fil-bidu tas-snin disgħin, fl-istess żmien li kien appuntat bħala l-ewwel professur tal-mużika fl-Università ta' Malta fl-1992. Ta' sikwit kien jirrakuntali xi esperjenzi li kellu ma' artisti ċelebri fil-qasam tal-mużika kontemporanja, jazz u pop. Fost dawn issemmi lil Jimmy Page, il-kitarrista tal-grupp leġġendarju Led Zeppelin.

Eric Montfort, kritiku mużikali li wkoll tkellem mal-kompożitur, jirrimarka li Charles Camilleri ltaqa' u ħadem ma' talenti kbar fosthom David Brubeck, Earl Hines, Lionel Hampton, Ted Heath, Tommy Steele, Frank Sinatra, Frankie Laine, Johnny Ray, kif ukoll Jimmy Page li lkoll kienu ġabuh iktar konxju mar-realtà iebsa u korrotta li toffri l-industrija mużikali. Kien ltaqa' wkoll ma' Sir George Martin li dak iż-żmien kien jaħdem mal-BBC u eventwalment ħadem mal-Beatles. *(6)*

Kien għamel żmien idoqq għat-truppi Awstraljani li kienu nvoluti fil-Gwerra tal-Korea bħala alleati mal-forzi Amerikani, bejn l-1950-53. Minn hemmhekk, mar idoqq fir-Renju Unit. Camilleri ħadem ukoll fil-Blackhawk Club f'San Francisco, li dak iż-żmien kien magħruf għall-preżenza t'artisti kbar tal-jazz.

## Charles Camilleri fil-Eurovision Song Contest



Fil-25 ta' Marzu 1972, Malta ħadet sehem għat-tieni darba fil-Eurovision Song Contest. Sena qabel, Joe Grech kien ġie klassifikat l-aħħar post fost 18-il parteċipant b''Marija l-Maltija'. L-edizzjoni tal-1972 irrappreżentaw lil Malta il-koppja Joe Cutajar u Helen Micallef bil-kanzunetta 'L-Imħabba' li kellha mużika ta' Charles Camilleri u kliem ta' Albert M. Cassola (1915-1974) li kien awtur prolifiku, professur tal-Malti u t-Taljan fil-Liċeo u rebbieħ ta' bosta premjijiet internazzjonali għall-kontribut letterarju. *(7)*

Fis-sbatax-il-edizzjoni tal-Eurovision Song Contest li kien inżamm f'Usher Hall f'Edinburgh ħadu sehem 18-il pajjiż. Kienet intrebħet minn Vicky Leandros għal-Lussemburgu li nterpretat il-kanzunetta 'Après toi' segwit minn 'Beg, Steal or Borrow' tan-New Seakers għall-Ingilterrra. Malta reġgħet ġiet klassifikata fl-aħħar post bi 48 punt.




'L-Imħabba' li f'Edinburgh kellha d-direzzjoni orkestrali ta' Mro Charles Camilleri, offriet temp mexxej bid-dwett jipprova jiskopri tweġiba għall-mistoqsija "X'inhi l-imħabba kbira taż-żgħażagħ?" Imorru jistaqsu lill-għorrief, filosfi u poeti, kif ukoll lill-freaks, Hell's Angels u l-hippies. It-tweġiba fissruha "L-imħabba hi Bacio, Beso, Küsse" imwassla f'ħames ilsna - Malti, Ingliz, Taljan, Spanjol u Ġermaniż.

**"...and we are going to Edinburgh with our spirits high"**
***Times of Malta* 9 ta' Marzu 1972**

Għal din l-edizzjoni kien hemm stennija kbira bit-tama li jkollna riżultat aktar pożittiv mis-sena ta' qabel. It-tħejjijiet kienu kbar. Madwar tliet ġimgħat qabel il-mawra f'Edinburgh, kienet issejħet konferenza għall-aħbarijiet fil-Britannia Studios fi Spinola San Ġiljan. Kav. Joseph Paul Vassallo (1907-1995), *(8)* iċ-ċermen tal-Awtorità tax-Xandir u Joseph Grima (1936-), *(9)* *chief executive*, taw dettalji dwar il-parteċipazzjoni Maltija kif ukoll intwera filmat bil-kulur ta' tliet minuti tal-kanzunetta Maltija - differenti mill-iswed u l-abjad tas-sena ta' qabel.

Il-filmat kellu jintwera f'27 pajjiż. Kellu sfond b'tema ta' mħabba li tabbina sew mal-kanzunetta. Il-lokazzjonijiet magħżula kienu tajbin iżda kien hemm xi kritika wkoll speċjalment fuq in-nuqqas ta' spontanjetà fost il-folla li kienet qed issegwi lill-kantanti fil-Monti tal-Belt. Issir riferenza għall-*mini-moke* li ntużat fil-bajja tal-Mellieħa. Il-ġurnalista tat-*Times of Malta* tad-9 ta' Marzu 1972 kien qed jistenna li wara d-dehra fil-Bajja tal-Mellieħa, il-viżwal jissokta bil-kantanti fuq xi *speedboat* fil-Port il-Kbir. Jgħid li m'hemmx dubju li l-filmat huwa leali lejn il-kanzunetta iżda jħoss li l-effetti tal-istampa tintilef meta jintwera fuq it-televiżjoni ta' dak iż-żmien.

L-Awtorità tax-Xandir kienet ippreparat pakkett speċjali għad-distribuzzjoni f'Edinburgh li kien jiġbor dettalji fuq il-kompożitur, l-awtur u l-kantanti bi tliet lingwi - Ingliż, Taljan u Franċiż, kif ukoll xi ritratti.

Joe Grima qal li fi triqitha lejn Edinburgh, il-kanzunetta Maltija sabet xi diffikultajiet finanzjarji u kellu jintervjeni l-Ministru tat-Turiżmu Paul Xuereb u t-*Tourist Board* biex dan iseħħ. Il-Kav. Vassallo u Grima komplew jgħidu li kollox kien sar biex il-parteċipazzjoni Maltija tkun denja - "...and we are going to Edinburgh with our spirits high."

Malta kienet ilha mill-1964 li applikat biex tidħol fil-*Eurovision Song Contest* iżda l-ispejjeż għad-dħul kienu għoljin sew. Il-parteċipazzjoni ta' Malta f'dan il-manifest Ewropew kien mistenni ħafna speċjalment meta Malta fil-bidu tas-sebgħinijiet kienet qed tgawdi żviluppi kbar f'kull qasam, iġġenerati f'*Malta Maltija* u *Malta l-Ewwel u Qabel Kollox*. Kien il-bidu ta' era ġdida, anke fix-xenarju tal-mużika u l-kanzunetta popolari. Il-Professur Manwel Mifsud jgħid li fis-sebgħinijiet, "l-għanja Maltija bdiet issib tematika u idjoma li jagħmluha medju ta' espressjoni addattat għall-kotra tal-poplu Malti." *(10)* Ix-xenarju kien interessanti!

Fis-sebgħinijiet, l-ekonomija Maltija ġiet mibdula minn waħda indipendenti fuq l-infiq militari għal ekonomija li qed tiżviluppa f'manifattura għall-esportazzjoni u turiżmu li kien qed ifassal suq tajjeb li promova wkoll il-kultura. It-turiżmu kellu prospettivi sbieħ u kollox kien qed ikun ipproġettat kif dan is-suq ikun attirat. Gawdiet ukoll minnu l-mużika lokali li bdiet tesplora l-identità Maltija u lil hinn minnha.

Iżda jekk 'L-Imħabba' ma kenitx daqshekk ta' suċċess għal Camilleri li żgur ma tirriflettix l-artistrija ta' dan il-kompożitur, jibqa fatt li s-*song-cycle* f' 'Għanjiet minn Malta' li ħareġ ħames xhur wara kienu suċċess u baqgħu marka fl-istorja tal-mużika moderna fl-ilsien nattiv.

### *'Għanjiet minn Malta'* - l-impatt fil-mużika folk Maltija

Wieħed mill-akbar impatt fl-għanja Maltija li ħalla marka sinifikanti kien l-album klassiku 'Għanjiet minn Malta / Songs from Malta' li kien l-ewwel Long Play (LP) sterjofoniku rrekordjat b'versi Maltin minn Joe Friggieri u mużika ta' Charles Camilleri, maħruġ fl-1972. Kienet ukoll l-ewwel diska li kantanta Maltija rrekordjat Long Play sħiħa b'diski Maltin.*(11)*

Kien propju fl-ewwel jiem t'Awwissu tal-1972 - eżatt erbgħin sena ilu - meta l-ġurnali Maltin taw rapurtaġġ tal-konferenza għall-aħbarijiet li kienet inżammet fil-jiem ta' qabel fil-lukanda Phoenicia fil-Furjana mill-kompożitur, l-awtur u l-kantanta żagħżugħa li kienet splodiet fil-bidu tas-sebgħinijiet - Mary Rose jew aħjar

Mary Rose Mallia. Magħhom kien hemm preżenti wkoll is-sinjorina Liliana Vella Cousin, ir-rappreżentanta tal-*Malta Talent Artist* li ħadu ħsieb id-distribuzzjoni f'Malta ta' dan l-LP li kien se jinbiegħ bi prezz ta' Lm1.50 (€3.49). Charles Camilleri kien qal li dam sena biex ikkompona l-mużika tal-LP u dan kien ir-raba' wieħed tiegħu. (12)

'Għanjiet minn Malta' inkluda 12-il kanzunetta li ġew irrekordjati b'mod professjonali f' CTS Studios ta' Londra fuq it-tikketta Academy. (13) Dan l-LP kien ippubblikat minn Monjon Production Ltd bi produzzjoni ta' John Watson. L-inġinier f'dan il-proġett kien John Richards. Il-qoxra tal-kartun tal-LP kellha disinn minn Donald Friggieri li ġiet stampata fil-Progress Press. Fis-sempliċità iżda effettiv, Donald Friggieri, ħu l-awtur, joħroġ ukoll il-polz tax-xenarju u identità Maltija fis-sentiment tal-ħajt tas-sejjieħ, ix-xemx u l-baħar - parti mill-ingredjent li jfittex it-turist u l-istess element li ġie trattat f'diski oħra tas-sittinijiet u sebgħinijiet.

Għalkemm il-kanzunetti kienu miktuba bil-Malti, in-noti fuq wara tal-qoxra tad-diska twasslu bilingwali bil-għan li dan ir-rekording ikun immirat għall-industrija tat-turiżmu li f'dak iż-żmien kienet fi żvilupp kbir.

Fin-nota bijografika, l-artistrija ta' Charles Camilleri tkun paragunata mal-idejal 'Malti' f'dak li kien qed jitwassal mir-rumanzier u drammaturgu kontemporanju Francis Ebejer li kien diġa kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet teatrali importanti tiegħu, fosthom *Vaganzi tas-Sajf* (1962), *Boulevard* (1964), u *Menz* (1967) li għamlu suċċess kbir u taw lil-letteratura Maltija l-ewwel drammi intelletwali. Isemmi wkoll lill-arkitett Richard England li fl-ewwel snin tas-sebgħinijiet kien diġà stabilixxa ruħu fuq ix-xogħol li kien sar fil-Bank Ċentrali kif ukoll dak li kien għaddej bil-bini tal-knisja tal-Manikata.

In-noti bijografiċi jgħidu hekk:

> Charles Camilleri, l-uniku kompożitur Malti li għamel isem fil-qasam internazzjonali, iħobb jgħid: "In-nies serji biss jafu jidħqu". Aħna li naħdmu fl-Academy Records nixtiequ nżidu min-naħa tagħna li ħadd għajr il-kompożitur serju u impenjat bħal Charles Camilleri ma hu kapaċi jikteb mużika hekk sabiħa u fl-istess waqt hekk sempliċi u li tingħaraf mill-ewwel li hi Maltija. Għax il-mużika ta' Camilleri hi Maltija daqs il-ħitan tas-sejjiegħ li hu u l-artisti Maltin oħra f'oqsma differenti (bħalma huma, ngħidu aħna, ir-rumanzier-drammaturgu Francis Ebejer u l-arkitett Richard England) jissaħru warajhom. F'dawn l-għanjiet, spirati mill-folklor u minn temi moderni, id-deċiżjoni tal-kompożitur li jaħdem mal-poeta liriku żagħżugħ Joe Friggieri u mal-kantanta Mary Rose, kienet l-aħjar għażla li seta' jagħmel. Hawnhekk il-kliem, il-leħen, u l-mużika jingħaqdu biex jirriflettu b'mod meraviljuż l-ispirtu tal-art u tan-nies li jgħixu fuqha, f'armonija li hi qadima daqskemm hi ġdida u ta' dejjem.

Għall-kantanta Mary Rose, dan kien l-ewwel album tagħha wara li kienet diġà qed tagħti prova li hi l-aħjar kantanta Maltija f'dan it-tip ta' kant. 'Bl-esperjenza li akkwistat mill-kant f'*night-clubs*, fuq it-*television* u f'għadd ta' festivals internazzjonali. Mary Rose tkanta bil-Malti b'dik il-kjarezza u b'dik il-passjoni li jġiegħluk tħossok trid terġa' tisma' kollox mill-ġdid.' Din tkompli tinjettalek is-sentiment u l-ispirtu tal-identità Maltija. *"The rhythm has been taken from the Maltese language thus rendering this classic purely Maltese.,"* jirrimarka l-ġurnalista ta' *The Times of Malta* wara l-konferenza għall-istampa.

Proprju f'dik l-istess sena, hija kienet rebħet l-aħjar kantanta fil-Malta Song Festival u kienet parti wkoll mill-ġurija fil-Eurovision Song Contest fl-1972. Bla dubju, f'dan ix-xogħol baqgħet l-aktar magħrufa għall-kanzunetti klassiċi *Il-Festa*, *Il-Pont ta' Wied Rummiena*, *It-Tfajla tar-Rdum*, u *L-Għanja tas-Sajjieda*.

*Il-Festa*, waħda mill-isbaħ kanzunetti mhux biss f'dan l-album iżda fost ir-ripertorju ta' kanzunetti Maltin, tnaqqax il-karatteristiċi ewlenin tal-festa tipika Maltija mill-bandalori kollha lwien sal-karti żgħar ma' kullimkien, il-briju u l-qbiż, l-għajjat u daqq tal-marċ għaddej, il-qubbajd, il-karawett, il-ġelat u anke l-*hotdog* li kien daħal ġmielu fil-bidu tas-sebgħinijet, it-twelid tan-namur fl-addoloxenti u l-ikla tradizzjonali. L-awtur jikkombina wkoll l-era psikadelika tal-'Flower Power' fil-qomos kull kulur.




Twassal ukoll it-temperament li għadu u jibqa' fil-vini tal-festa Maltija li 'aħna l-ewwel, l-akbar, l-isbaħ u l-aħjar'. Friggieri jittratta dan l-argument b'relazzjoni mal-logħob tan-nar - 'nar bħal tagħna m'hawn imkien', forsi għall-esperjenza personali tal-awtur innifsu li ġej minn Ħal-Lija, ir-raħal magħruf għal-logħob tan-nar.

Mużikalment, Camilleri joħloq ambjent kwiet biex tispikka l-melodija 'Maltija' u l-isbuħija vokali b'akkumpanjament mexxej, iżda mirqum sew bil-pjanu. Għaddew erbgħin sena mill-ħruġ ta' dan l-album, iżda meta terġa' tisma' l-għanjiet tgħid li għadhom friski, sbieħ bħal dejjem. Fid-disgħinijiet, il-KTA kien reġa' ħareġ dan l-album fuq CD.

**X'qalu l-kritiċi fil-gazzetti**

Il-kontributuri tar-rubriki mużikali u l-paġni tal-kultura fir-rivisti u l-ġurnali Maltin ta' dik l-epoka enfasizzaw fuq il-ħruġ ta' dan l-LP.

Mario Azzopardi, poeta, direttur teatrali u kritiku tal-arti, fil-paġna tiegħu dwar il-kultura fl-*Orizzont* tal-10 t'Awwissu 1972, jgħid li 'Għanjiet minn Malta huwa "eżempju ta' kif għandha tkun diska lokali mfassla fuq valuri kulturali tajbin." Jistqarr li dan l-LP huwa "xi ħaġa superjuri mid-diski rħas tal-għana li dan l-aħħar korrispondent f'dan il-ġurnal stqarr li ħerġin fis-suq bħall-bottijiet tal-piżelli." Hawn Azzopardi kien qed jirrimarka għall-makjetti, fosthom dawk maħruġa minn Renald Abela, Fredu Abela 'il-Bamboċċu', George Azzopardi 'il-Makk', Michael Fenech 'ir-Ringo', John Laus u Pawlu Tanti, bl-akbar suċċess tkun it-'Taxi Mary' li kellha bejgħ kbir fl-1970. Azzopardi jargumenta b'ottimiżmu li b' 'Għanjiet minn Malta' wieħed iħossu jistejqer meta jintebaħ li għall-inqas fuq dil-gżira hawn min jaf joħloq kombinazzjoni ta' mużika, lirika u melodija ta' leħen artistiku.

L-artikolist iħeġġeġ għall-inkoraġġiment tal-artistrija fil-kultura popolari. "Is-soċjetà jew aħjar id-distributturi tal-flus li jiċċerkulaw fis-soċjetà għandha jew għandhom l-obbligu li jgħinu individwi li jridu jirreżistu l-appell tal-produzzjoni għall-massa u joħolqu xi ħaġa aktar valida." Mario Azzopardi jagħti xi eżempji fil-kompożizzjoni mużikali fejn jirreferi għall-kompożituri bravi attivi f'dak iż-żmien, "bħal Carmelo Pace,

Joe Vella, Freddie Mizzi, Albert Anastasi u oħrajn (minbarra għad ta' gruppi li jħossu s-sensittività kbira għall-mużika ta' ġeneru modern u saħansitra ta' bixra sperimentali) li jafu l-prinċipji ta' mużika serja fuq ponot subgħajhom imma li tisma' bihom darba f'mitt qamar. M'hemmx dubju dwar il-professjonaliżmu eċċellenti tagħhom iżda b'dan kollu l-kontribut tagħhom għall-mużika Maltija mhuwiex jinħass bl-impatt mixtieq."

Kumment pożittiv ieħor dwar 'Għanjiet minn Malta' kien dak ta' Charles Xuereb, magħruf sew fil-qasam tax-xandir lokali, dak iż-żmien kontributur fuq l-andament kulturali lokali fil-ġurnal *Il-Ħajja*. Fid-19 ta' Settembru 1972, Xuereb jirrimarka hekk: "Tieħu r-ruħ, tgħid din xi ħaġa aħjar" għall-kuntrast dwar l-għajta tal-poplu b'taqbiliet li kienu qed ibiegħu ħafna.

Ftit xhur wara l-ħruġ ta' 'Għanjiet minn Malta', il-kanzunetta popolari ta' natura psewdo-folkloristika twelldet fit-tlett edizzjonijiet uniċi tal-'Malta Folk Song Contest' organizzat minn 'Jove Enterprises' li minnu ddistingwew kanzunetti li saru klassiċi fosthom, *Il-Karozzin*, *Fit-Tieġ tan-Neputija*, *Imħabba f'Kemmuna* (Tony Camilleri / Frank O'Neil); *Vassalli* (Manwel Mifsud), u *Żepp u Grezz* (Enzo Gusman).

Fl-istess żmien li kien qed jinżamm il-'Malta Folk Song Contest', il-'Youth Travel Circle' (YTC) kien qed jgħin liż-żgħażagħ jiżviluppaw it-talenti tagħhom, inkluż il-mużika. Fl-1973 bdew jorganizzaw festival bejn il-ħbieb attivisti fil-YTC fejn 'il-kelma saret il-qofol tal-kompożizzjoni u ssuġġeriet melodiji iktar Maltin sewwasew għax joħorġu mill-kisra naturali ta' lsienna.' *(14)*





## Għanjiet minn Malta - Songs from Malta

**Fuq l-ewwel naħa tal-LP (Side 1):**

It-tfajla tar-Rdum (The girl on the cliffs)

Suldat (Soldier)

Il-festa (Festa)

Rajt Raġel (I saw a man)

Iż-żifna (The Dance)

L-Għanja tas-Sajjieda (Fishermen's Song)

**Fuq it-tieni naħa tal-LP (Side 2)**

Kemm iddum (It-takes so long)

Taħżiż (Sketches)

Bħal-lum (Today)

Il-Pont ta' Wied Rummiena (The Bridge at Wied Rummiena)

Minwett tal-Granmastri (Grandmasters' Minuet)

Il-Bejjiegħa tal-Ward (The Flower-Girl)

© Noel D'Anastas, Ġunju 2012

Referenżi:
1. E. Sapienza u J. Attard (ed.), *Charles Camilleri: portrait of a composer* (Malta, Said International, 1988). Ara wkoll C. Palmer, *The music of Charles Camilleri: an introduction* (Malta, Midsea Books, 1975).
2. N. D'Anastas, "Tislima lil Charles Camilleri - mużiċist li nterpreta r-ruħ tal-Maltin', *Il-Mument*, 11 Jannar 2009.
3. N. D'Anastas, *Pop Music in Malta from the Fifties to the Seventies: In Search of a formula for National Identity* (Teżi għal MA fuq l-Istudji Maltin, Università ta' Malta, 2011), 25-6.
4. E. Montfort, "Il-Professur Maestro Charles Camilleri: *l-iktar kompożitur Malti li kiseb fama mad-dinja u li jagħraf il-bidu tal-karriera tiegħu mill-Każin tal-Banda San Gejtanu.*
< http://www.stgaetanbc.com/charlescamilleri.php> aċċessata 10 Ġunju 2012;
5. J. Shepherd, "Music and Social Categories', f' *The Cultural Study of Music, a critical introduction,* M. Clayton et al (ed.) (New York & London, Routledge, 2003), 70. Ara wkoll H.J. Gans, *Popular Culture and High Culture: An Analysis and Evaluation of Taste*, (New York, Basic Books, 1999).
6. Montfort, < http://www.stgaetanbc.com/charlescamilleri.php> Ara wkoll, Eric Montfort, "Charles Camilleri: Prolific Maltese composer with a worldwide reputation', The Guardian, 27 Marzu 2009.
7. M.J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies*, (Malta, PIN, 2009), 544. Albert M. Cassola huwa wkoll missier l-iskular u politiku Arnold Cassola.
8. Il-Kav. J.P. Vassallo kien direttur tal-edukazzjoni bejn l-1949 u l-1967 fejn fi żmienu l-edukazzjoni għamlet passi kbar 'il quddiem fosthom bl-introduzzjoni tal-edukazzjoni obbligatorja. Vassallo kien lingwista, jaf sew il-Latin, Taljan u Spanjol. Huwa l-awtur ta' *Weraq tal-Ħarifa* (1969) u *Rimi Ġodda* (1971). Cfr. Schiavone, 1572.
9. Joe Grima huwa politiku u xandar magħruf. Fl-1961, ingħaqad mar-Rediffusion u kien responsabbli minn bosta programmi għat-televiżjoni. Fl-1966 laħaq *producer* kwalifikat mill-BBC ta' Londra u kien appuntat kap tal-programmi fuq ir-Rediffusion. Fl-1971 kien appuntat *chief executive* tal-Awtorità tax-Xandir. Ikkontesta l-elezzjoni Ġenerali mal-MLP fl-1976 u kien elett fl-elezzjoni każwali. Bejn l-1981 u l-1987 serva bħala Ministru tal-Industrija u wara Ministru tat-Turiżmu. Huwa rtira mill-politika fl-1992 meta sena qabel, Grima Communications, il-kumpanija tiegħu waqfet l-istazzjoni Live FM. Huwa magħruf sew għall-kontribut fil-gazzetti kif ukoll fi programmi ta' diskussjonijiet fuq il-mezzi tax-xandir. Cfr. Schiavone, 979.
10. M. Mifsud, "Għanja Maltija għal-Lum', *Leħen il-Malti*, Frar 1990, xxiv, 6.
11. *Il-Ħajja*, 4 Awwissu 1972.
12. Ibid., *The Times of Malta,* 7 Awwissu 1972.
13. *The Times of Malta,* 4 Awwissu 1972.
14. Adrian Grima, Ġunju 2004. <http://www.inizjamed.org/walter_micallef_cd_eng.htm>

